MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2004

Numru 106/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**CHARLES TESI**

**Seduta miżmuma llum 1 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles Tesi, ta' 33 sena, iben Joseph u Anna nee` Micallef, imwieled Pieta` nhar il-11 ta' Dicembru 1971, u li joqghod Block 2, Flat 2, triq il-Gzira, Gzira, u li ghandu il-karta tal-identita bin-numru 12472(M), gie akkuzat:

Talli nhar is-6 ta’ Frar 2004, ghal habta tal-11.00 ta’ bil-lejl, f’dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LMC-321, liema hsara tammonta ghal izjed minn hames mitt lira Maltija, u li saret ghad-detriment ta’ Lawrence Grech minn Santa Venera;

Ukoll talli fl-istess data, u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer, xjentement ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt ta’ holqien ta’ reat kif stipulat fl-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ delitt dwar frodi tas-sigurta a tenur ta’ l-artikolu 295 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, fl-atti li bihom dawn id-delitti ikunu gew ippreparati jew ikkunsmati, kif ukoll xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta tieghu sabiex jaghmel id-delitt;

Ukoll talli nhar it-8 ta’ Frar 2004, u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. MS1 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum il-partijiet qablu li nkwantu ghat-tielet akkuza l-artikolu li japplika ghal din l-akkuza hu l-artikolu 334(c) tal-Kap. 9, cioe` rigward hwejjeg gejjin minn frodi abbinat ma' l-artikolu 295 tal-Kap. 9.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-Fedina Penali tal-imputat tikkontjeni kundanni ta' entita` minima.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(a), 110(2), 295 u 334(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles Tesi, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li hu konsapevoli li l-Fedina Penali tal-imputat tikkontjeni kundanni ta' entita` minima u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Charles Tesi ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Charles Tesi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti a tenur tal-art. 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta timponi fuq l-imputat Charles Tesi interdizzjoni generali, kif ukoll interdizzjoni milli l-istess imputat iservi bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun, u dan ghal zmien hames (5) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Charles Tesi l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------